MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Numru 422/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**
**Versus**

**Melvin Pace**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Melvin Pace ta’ 21 sena, bin Louis u Rita nee Camilleri, imwieled tal-Pieta’ fl-20 ta’ Ġunju 1986 residenti Flat 2, Block Numru 1, Ent D, Bin ital-Gvern, Żabbar detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 280686 (M)

Akkużat

a. Talli bejn il-15 ta’ Settembru, 2007 u l-21 ta’ Diċembru 2007 waqt li kien fir-residenza tiegħu sitwata fi Flat Numru

2 Block L Entrance D, Bini tal-Gvern, Żabbar ikkommetta serq ta; oġġetti tad-deheb valur ta' Lm575 jew €1339.39 minn ġo l-istess fond għad-dannu ta' Raymond Mckay mill-Hamrun, liema serq hu aggravat, bil-valur, bil-persuna u bil-ko u dan bi ksur tal-artikoli 261(ċ)(d), 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

b. U aktar talli sar rreċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ċ. Kikf ukoll kiser il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

2. Rat l-atti tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputatli jġib in-numru 2806 tal-1986, il-fedina penal ital-imputat a fol 3 et seq, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ikun hemm il-kliem 'l-aggravju tal-lok' miżjudin fl-imputazzjoni (fol 10), l-istqarrija tal-imputat (a fol 18), l-ammissjoni tat-tliet imputazzjonijiet barra l-aggravju tal-persuna (fol 13), il-current incident report magħmul wara rapport tas-sur Raymond Mackay (fol 20), [1] l-ammissjoni tal-imputat (fol 27) liema ammissjoni huwa kkonfrma wara li ngħata ħin xiersq beix jaħsibha, u d-digriet li bih il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża sabiex jinħatar uffiċjal tal-Probation Services ħalli jagħmel rapport fuq l-imputat.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

[1] Fejn jissemmew bħala li kienu nieqsa 2 ċrieket, ċappetta u ġiżirana kollha tad-deheb isfar liema dehbijiet kien rahom l-aħħar Raymond Mckay nhar il-15 ta' Settembru 2007. Skodn dan ir-rapport l-imputat kien rahan dan id-deheb u kellu jiġibu lura fit-2 ta' JAnanr 2008. (fol 22).

5. Skond ix-xhud Raymond Mckay huwa qal li kien insteraq mill-imputat. Ix-xhud mar biex jilbes id-deheb u ma sab xejn. Huwa kien ta ċans lill-imputat għal darba, tnejn, tleits iżda dan id-deheb ma nġabx. Huwa ċaħad li kien seraq xi flus lill-imputat. Lill-imputat kien rabbieh ix-xhud stess. (fol 23). Huwa kkonferma li l-kaxxa kien fiha żewġ ċrieket, ċappetta u ġiżirana.

6. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien ilu jgħix ma’ omm l-imputat 15-il sena. Huma kienu joqogħdu fi flat tal-gvern. Ix-xhud ma kienx jaf x’kien jisimhom lp-iskejjel li kien jattendi l-imputat. L-aħħar li ma kien fl-iskola ta’ Ġuże’ d’Amato Street ġewwa Raħal il-Ġdid. Huwa qal ukoll li ma kienx jgħid lil ibnu fl-istudju għax lanqas ommu ma kienet tagħti kasu.

7. Mill-istqarrija tal-imputat jirriżulta li d-deheb kien ħadu hu u biegħu lil raġel li ma kienx jaf għas-somma ta’ Lm200. Il-flus użahom biex jixtri x’jiekol. Huwa kien iddispjaċih għal dak li għamel.

8. Teknikament, ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet, dawn hum aiipruvati skond il-Liġi.

9. Matul il-proċeduri, id-difiża wriet in-nuqqas ta’ qbil taħgha dwar il-gravnti tal-persuna. Mill-provi rriżulta li l-imputat qed jgħix fl-istess dar tax-xhud ewlieni li huwa l-partner ta’ omm l-imputat. Il-Qorti eżaminat is-subinċiżi kollha li jidhru taħt l-artikolu 268. Il-Qorti qed teskludi is-subinċiżi (a) (ċ) u (d) għaleix dawn għandhom x’jaqsmu ma’ xi eprsuna li qed taħdem bħala seftur jew f’xi kapaċita’ oħra u din il-persuna tieħu vantaġġ mill-pożizzjoni tagħha. Dan ma jgħoddx għall-imputat.

10. L-imputat jidher li jgħix fl-istess dar tad-derubat għaliex l-imputat jaħbat bin il-partner tad-derbut. L-imputat ma jistax jitqies bħala ‘mistieden’ għaleix dan x’imkien irid jorqod. Għalhekk il-Qorti qed teskludi li l-imputat qed jaqa’ taħt is-subinċiż (b) tal-artikolu 268 tal-Kap 9..

11. Isegwi li l-imputat mhux ħati ta’ dan il-gravanti.

Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), d)(e), 267, 268(a)(b)(ċ)(d), 269(g) tal-Kap 9, 23(1)(a) tal-Kap 446 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imptuazzjoni iżda mingħajr il-gravanti tal-persuna, u ħati tat-tieni imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni dedotti kontrih..

12. Dwar il-piena, il-Qorit qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz fejn l-imputat qed jiġi mixli li seraq lill-partner ta' ommu. Il-partner qed iħossu deprivat minn oġġetti li kienu għal qalbu u li l-imputat naqas li jirritorna.

13. Min-naħa l-oħra, il-Qorti qed tqis iċ-ċirkostanzi u l-isfond tal-imputat li xjen m'huma sbieħ. Il-Probation Officer għamlet rapport imħejji b'għaqal kbir u li l-Qorti ser tistrieħ fuqu (u fuq dak li semgħet fl-Awla) biex tirrisolvi din il-problema. Jidher li l-imputat kien ingħata sentenza sospiża iżda ma jirriżulta li ma kienx hemm superviżjoni. (Ara r-rapport fol15). Iżda hemm affarijiet oħra li l-Qorti ma tistax tinjora bla mataħgti wisq dettalji fis-sentenza b'rispett lejn il-ħajja private tal-individwi kollha involuti. Lill-Qorti rriżultalha li r-relazzjonijiet familjari huma diffiċli ħafna. Il-mod kif trabba l-imputat żgur ma tahx xi vantaġġi fil-ħajja. U l-Qorti ser tieqaf hawn dwar id-dettal personali *deliberatament* sabiex timxi mal-ispirtu tas-sentenza C verus Spain mogħtija mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'Ottubru 2009.

14. Iżda l-Qorti semgħet ukoll ir-rappreżentanta tal-Caritas titkellem dwar kif sejjer l-imputat kemm ilu li beda l-programm. Minn dak li ntqal taħt ġurament fil-Qorti, l-imputat qed jifhem li fis-soċjeta' hawn min lest li jagħti forċina lil min ikun għadda mid-diffikultajiet.

15. Għalhekk il-Qorti qed tqis li s-suġġeriment magħmul mill-Probation Officer li l-imputat ikollu superviżjoni twila jagħmel sens ħafna. Barra dan, iċ-ċans li qed jingħata bħal issa biex jibni ħajtu mill-ġdid permezz ta' programm li qed isegwi għandu jissokta. Issa huwa f'idejn l-imputat li ma jiċċaqlaqx mit-triq li qabad u li japprezza dak li ħadd ieħor qed jagħmel miegħu.

16. Għaldaqstant, il-Qorti, għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet, flok tikkundanna lill-imputat qed tpoġġieh taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal tliet snin; għall-aħħar imputazzjoni, għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi 12,.13 u 14 qed tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9[2] u qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' 470 Ewro liema multa tista' titħallas f'pagamenti ta' 40 Ewro fix-xahar u l-ewwel pagament jista' jseħħ meta l-imputat ikun f'pożizzjoni li jibda jaħdem.

17. Ma' dan ukoll il-Qorti, wara li rat l-artikolu 24(1) tal-Kap 446, qed tordna lill-imputat li jħallas il-valur tal-deheb li huwa ħa lill-partner t'ommu u dan mal-ewwel opportunita' li jkollu hekk kif ikollu xi ħaġa tal-flus f'idejh. Dan qed isir biex l-allegat vittma jieħu dak li kien tiegħu jew il-valur tiegħu u biex l-imputat jifhimha wkoll li 'crime does not pay.'

18. Il-Qorti qed tispjega bl-aktar mod ħafif l-arftikolu 7 tal-Kap 446 kif ukoll qed twissieh li l-ħlas li qed jitlob id-derubat jista,' ai termini tal-artikolu 24(2) tal-Kap 446, jkun infurzat daqs li kieku kien hemm sentenza ċivili kontra l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] U min jaqra r-rapport tal-Probation Officer jinduna li hemm raġunijiet sew għal din id-deċiżjoni.